MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tat-12 ta' Frar, 2007

Talba Numru. 2308/2004

**Mediterranean Offshore Bunkering Co.Ltd.**
**Vs**
**Joseph Scerri et.**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tas-socjeta’ attrici li permezz tieghu tablet li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut Joseph Scerri jew min minnhom ihallas/su lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tmien mija disgha’ u ghoxrin lira Maltin, hamsa u sebghin centezmu (Lm829.75), liema somma tirraprezenta hsara li garrbet is-socjeta’ attrici fil-bowser taghha bin-numru ta’ registrazzjoni MOB 002, meta l-konvenut Joseph Scerri li kien qed jopera c*rane* tas-socjeta’ konvenuta *The Cargo Handling Co.Ltd*, b’negligenza, traskuragni u imperizja laqat u ddanneggja l-istess bowser.

Ra r-risposta tal-konvenuti li eccepew illi t-talbiet tas-socjeta’ attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-konvenuti mhumiex responsabbli ghall-incident *de quo* u

ghalhekk lanqas ghall-konsegwenti hsarat allegatament imgarrba mis-socjeta' attrici.

Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-konvenuti eccepew illi l-ammont pretiz mis-socjeta' attrici huwa eccessiv u ghalhekk huwa kontestat.

Salvi eccezzjonjiet ulterjuri.

Ra x-xhieda ta' Antoine Schembri, li jghid li hu jahdem bhala xufier mas-socjeta' attrici u fl-4 ta' Dicembru, 2002, kien qed isuq *truck Leyland Cruiser*, u cioe' il-bowser *de quo* u kien niezel Ras Hanzir sabiex jaghti diesel lill-vapur li kien arrestat.

Jispjega li waqt li kien qed jistenna l-kaptan tal-vapur jinzel sabiex isir il-*bunkering*, ra x-xufier tal-*crane* jghaddi minn magenbu. Jispjega ukoll illi dan il-*crane* ma setax johrog got-triq, pero', seta' jiccaqlaq ghax kien fuq ir-roti.

Ix-xufier tal-crane tela' fuq il-*jib* u f'daqqa sstartja il-*crane*, dawwar u f'din il-manuvra ghaffeg il-kabina tat-*truck*. Ighid li *crane* kien jinstab quddiem il-*bowser*, li dak il-hin tal-incident kien wieqaf.

L-istess xhud izid jghid li bejnu u x-xufier tal-*crane* bil-kemm sar diskors, pero' kienu infurmaw lill-MMA bl-incident, kif ukoll il-pulizija.

Bhala hsara fil-*bowser* ighid li kien hemm mil-faccata tat-*truck*, il-*windscreen*, bieba u mera tal-genb.

Il-*bowser*, ntlaqat, peress li x-xufier dawwar il-jib sabiex jerfa' container u laqtu bil-balla ta' wara. Il-crane ma ccaqlaqx minn postu.

Ra x-xhieda ta' Joseph Scerri, li kien is-sewwieq tal-*crane*. Hu jahdem bhala *crane operator* mal-*Cargo Handling*. Jispjega li dakinhar tal-incident kien qed ighabbi *containers* minn lat u jghabbihom fuq it-trukkijiet. Kien qieghed fil-kabina tlett sulari 'l fuq fil-*crane* u waqt li kien

qieghed idur wehel it-*tower*. Hareg fil-gallarija u hemm sab *truck* taht il-*crane* tieghu.

Ighid li l-*bowser* kien dahal bejn il-bahar u l-*crane* u ghalhekk kien fic-cirkonferenza operattiva tieghu. Ix-xhud jsostni li sabiex il-*bowser* seta' jidhol bejn il-*crane* u l-moll kien jehtieg igib awtorizzazjoni minghand xi hadd u jigi jwaqqfu milli jahdem.

L-istess xhud jghid li huwa kien sejjah il-*mechanic* tieghu u dan kien qallu li x-xufier kien fejn il-*wharf inspector*.

Ra x-xhieda ta' Charles Polidano, li jahdem bhala *fitter* mas-socjeta' konvenuta.. Jispjega li dakinhar tal-incident, il-*crane* kien ipparkjat peress li kellu jhott xi *containers*. Dahal *truck* tas-socjeta' attrici, li gie pparkjat bejn il-*crane* u l-bahar.

Ix-xhud ikompli jghid li x-xufier tal-*bowser* kien dahal fl-ufficju fejn kien jopera u gie biss wara l-incident.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra

F'dan il-kaz partikolari hemm diversi konsiderazzjonijiet krucjali li jridu jigu stabbiliti l-ewwel u qabel kollox sabiex it-Tribunal jista' jasal ghal konkluzjoni ragunata. B'mod partikolari irid jigi stabbilit  jekk l-*bowser* kienx hemm qabel l-incident, jekk ix-xufier kien hemm meta sehh l-incident, jekk verament ix-xufier tal-*bowser* rax lix-xufier tal-crane tiela' fuq il-*crane*?

Ix-xufier tal-*crane* jghid li kien qieghed jghabbi containers fuq it-trukkijiet u waqt li kien qed idur laqat il-*bowser*. Il-konvenut jinsisti li dan il-*bowser* ma kellux dritt jipparkja bejn il-moll u l-*crane*. Mill-banda l-ohra, ix-xufier tal-*bowser* jispjega li bilfors kellu jipparkja mal-moll ghaliex il-vapur li fuqu kellu jsir il-*bunkering* kien arrestat.

Hemm verzjonjiet kontrastanti in kwantu jekk ix-xufier tal-*bowser* kienx hemm fil-hin tal-incident. Pero' it-Tribunal

ihoss li l-verzjoni tal-konvenut Joseph Scerri hija aktar verosimili. Ix-xhieda tieghu hija ukoll kkkorroborata minn dik ta' Charles Polidano li jghid li x-xufier kien dahal gewwa l-ufficini tas-socjeta' ma' min kien impjegat. Hu jghid ukoll li kien ra x-xufier biss wara li sehh l-incident. Is-socjeta' attrici ma gabitx provi sabiex tikkuntradixxi dan il-fatt.

Jibqa' pero' biex jigi stabbilit jekk verament il-*bowser* kienx hemm meta l-konvenut Joseph Scerri tela' fuq il-*crane*. Hu jsostni li qatt ma kien ra l-*bowser* sal-incident u suppost l-istess *bowser* ma setax jipparkja hemmhekk. Dan ikkonfermah ukoll fir-rapport tal-pulizija.

Dan kollu premess, it-Tribunal ma ghandu l-ebda dubju illi kieku kien rah qabel ma tela' fuq il-*crane*, kien jfittxu sabiex inehhielu l-vettura minn fejn kienet, izda dan ma rrizulta minn imkien. Anzi, il-provi jindikaw li x'aktarx il-*bowser* wasal waqt li l-crane kien qed ihott.

Kif jaraha it-Tribunal, il-probabilita' hija illi peress li kien hemm attivita' ghaddejja, minhabba li l-*crane* kien qed ihott *containers* minn fuq il-vapur ghal fuq trukkijiet, il-sewwieq tal-*bowser* qabad u pparkja l-aktar vicin tal-vapur sabiex isir il-*bunkering* u llarga sakemm wasal il-kaptan tal-istess vapur. Minkejja dak li jsostni ix-xufier tal-*bowser,* it-Tribunal josserva li fil-fehma tieghu ma giex soddisfacentement ippruvat li l-bowser kien hemm sa' minn qabel ma tela' x-xufier tal-*crane* kif spjegat fuq. Dan ghaliex in pessima ipotesi jekk kien minnu dak li sostna ix-xufier tal-*bowser*, ix-xufier tal-crane ma setghax ma rax il-bowser b'rizultat li kien jiehu l-prekawzjonijiet necessarji sabiex jevita l-incident mertu tal-kaz odjern. Fic-cirkustanzi partikolari tal-kaz fejn kienet ghaddejja operazzjoni ta' skarikar ta' *containers* il-presenza tal-*bowser* kienet raguni impellenti biex l-ewwel u qabel kollox jigi rimoss il-*bowser* minn fejn kien. Fil-fehma tat-Tribunal il-provi huma indikattivi illi jekk dan ma sarx , dan ma' kienx dovut ghall-inadempjenza u traskuragni tax-xufier tal-*crane* imma ghal fatt li il-*bowser* wasal fil-kors tal-operazzjoni ta' skarikar u mhux kien hemm qabel.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jiddeciedi li is-socjeta' attrici ma irnexxielhiex tipprova li l-incident de quo sehh b'tort tax-xufier tal-*crane* jew tas-socjeta attrici. Anzi il-provi juru il-kuntrarju u cioe' li l-incident gara minhabba traskuragni u negligenza tax-xufier tal-*bowser*. Konsegwentement it-Tribunal jtichad it-talbiet attrici, bl-ispejjes.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------